MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 172/2004/1

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**H. Vassallo & Sons Limited bhala debitur principali u Antoine Vassalo bhala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-bank attur li tghid hekk: "Peress illi l-Bank attur ikkonceda lis-socjeta` konvenuta H. Vassallo & Sons Limited facilitajiet ta' self u "overdraft" u in forza ta' dawn il-facilitajiet l-imsemmija socjeta`

sselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta’ ghaxart elef disa’ mija disgha u tletin Liri Maltin u tlettax-il centezmu (LM10,939.13) skond “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “A” u Dok “B” bl-interessi kkalkolati sas-sbatax (17) ta’ Frar, tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tmintax (18) ta’ Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

“Peress illi permezz ta’ skrittura privata datata tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) li l-original taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “C” il-konvenut Antoine Vassallo kien igarantixxa solidalment mas-socjeta` konvenuta l-hlas lura ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ mija u sebgha u sebghin elf liri Maltin (LM177,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

“U peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, skond kopja legali ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 ta’ Settembru 2003, debitament notifikata, hawn annessa u mmarkata Dok “D” il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhomx minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq prmessi:-

1) jigu kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil Bank attur is-somma ta’ ghaxart elef disa’ mija disgha u tletin Liri Maltin u tlettax-il centezmu (LM10,939.13) skond “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “A” u Dok “B” bl-interessi kkalkolati sas-sbatax (17) ta’ Frar, tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tmintax (18) ta’ Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament efettiv;

“Bl-ispejjez kollha nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 ta’ Settembru 2003, tal-mandati ta’ qbid u sekwestru kawtelarji pprezentati kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Frar 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li d-diretturi

taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenut l-iehor li huwa wkoll minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex taghti lis-socjeta` atttrici;

"(2) Illi l-konvenut Antoine Vassallo m'huwiex garanti solidali mas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici peress li gie rrilaxxjat minn din il-garanzija bil-kuntratt ta' kancellament Atti Nutar Dr Anthony Gatt tal-21 ta' Lulju 1994 (Dokument C)."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru, 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, ikkundannathom flimkien in solidum ihallsu lill-bank attur is-somma ta' LM10,939.13 flimkien ma' l-imghaxijiet mit-18 ta' Frar 2004 sa meta jsir il-hlas u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Is-soċjetà konvenuta kienet ingħatat faċilitajiet ta' *overdraft* sa mija u ħamsa u erbgħin elf lira (Lm145,000) u self ta' tnejn u tletin elf lira (Lm32,000) mingħand il-bank attur, u l-konvenut *proprio* kien daħal garanti *in solidum* għar-radd tas-self sa mija u sebgħa u sebgħin elf lira (Lm177,000). B'kuntratt tas-26 ta' Mejju 1992 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman[1] is-soċjetà konvenuta u l-konvenut *proprio* bħala garanti, flimkien ma' garanti ieħor, kienu wkoll ħolqu ipoteki ġenerali u speċjali fuq il-proprjetà tagħhom sabiex jagħmlu tajjeb għar-radd tad-dejn. Wara, is-soċjetà konvenuta ngħatat ukoll faċilità ta' *temporary excess* fuq l-*overdraft* sa tletin elf lira (Lm30,000).

[1] *Foll.* 21 *et seqq.*

"Bejn Ġunju u Lulju ta' l-1994, is-soċjetà konvenuta kisbet faċilitajiet bankarji mingħand banek oħra, u l-bank attur ma baqax il-bank ewlieni tagħha. B'ittra ta' l-14 ta' Lulju 1994[2], is-soċjetà konvenuta għarrfet lill-bank attur illi kien sejjer isir kuntratt mal-banek l-oħra u talbet illi l-bank attur jidher fuq il-kuntratt "*to effect the necessary cancellations*". L-ittra tgħid ukoll illi "*the long term loan sanctioned by Lombard … … … will still be retained with you,* [*and*] *the monthly installments will then be paid by standing order through our facilities with Bank of Valletta. It has also been verbally agreed … … … that you will still accommodate us with Gold grain sales and payment transfer transactions against direct payment*".

"Il-konvenuti jgħidu illi, wara li ntbagħtet l-ittra, inbidel il-ftehim u l-partijiet kienu qablu illi s-self — dak li fl-ittra ssejjaħ "*long term loan*" — jitħallas ħlief għal xi ħamest elef lira (Lm5,000). Igħidu wkoll illi għal dan il-għan ħallsu għoxrin elf lira (Lm20,000) fi flus kontanti, u biex għaqqdu dik is-somma ssellfu ħmistax-il elf lira (Lm15,000) mingħand ċertu Hector Bondin. Hector Bondin xehed u qal illi tassew li kien silef ħmistax-il elf lira lill-konvenuti biex dawn ikunu jistgħu jħallsuhom lill-bank attur[3].

"B'kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt, imbagħad, is-soċjetà konvenuta ssellfet mingħand bank ieħor, u minn dan is-self ħallset mija u sebgħa u sebgħin elf, tmien mija u erbgħa u erbgħin elf lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm177,844.25)[4] lill-bank attur biex taqta' l-*overdraft* u t-*temporary excess*. Fuq il-kuntratt deher ukoll il-bank attur u, bis-saħħa tal-kuntratt, il-bank attur:

"… … … gives his consent for the total cancellation of hypothecary inscription bearing number nine thousand nine hundred and seventy five (9975) of the year one thousand nine hundred and ninety two (1992) registered in favour of *Lombard Bank (Malta) Limited* against the

---

[2] *Fol.* 40.

[3] Ara l-*affidavit* ta' Hector Bondin mahluf fil-25 t'Awissu 2004, *fol.* 117.

[4] *Fol.* 39.

Company *H. Vassallo and Sons Limited* as principal debtor and Antonio and Silvio brothers Vassallo, sureties *in solidum* between themselves and with the principal debtor for overdraft and other banking facilities of one hundred and seventy seven thousand Maltese Liri (Lm177,000) resulting from a deed published by Notary Doctor John Patrick Hayman on the twenty sixth of May of the said year 1992. This cancellation is being effected as the said *Lombard Bank (Malta) Limited* has no further interest in the said hypothecary inscription."

"Biex iħallsu l-bqija tas-self lill-bank attur — illi l-konvenuti jgħidu illi dak iż-żmien kien qrib il-ħamest elef lira (Lm5,000) — il-konvenuti żammew fis-seħħ l-i*standing order* imsemmi fl-ittra ta' l-14 ta' Lulju 1994 u b'dan il-mod kien isir ħlas ta' erba' mija u ħamsin lira (Lm450) fix-xahar. Għalkemm, jekk il-bqija tas-self f'Lulju ta' l-1994 kienet tassew qrib il-ħamest elef lira (Lm5,000), b'dawk il-ħlasijiet is-self kien ikun intradd kollu bejn wieħed u ieħor fi żmien sena, il-ħlasijiet baqgħu jsiru regolarment sa April ta' l-1999[5]. Il-konvenut Antoine Vassallo, li hu wkoll direttur tas-soċjetà konvenuta, igħid illi ma ntebaħx b'dawk il-ħlasijiet żejda għax dak iż-żmien kien imħabbat ħafna. Intebaħ bihom fl-1999 meta ħassar l-i*standing order* u hekk waqqaf il-ħlasijiet. Ma jidhirx, iżda, illi l-konvenuti għamlu xi ħaġa biex jieħdu lura l-ħlasijiet li jgħidu li saru żejda.

"Il-konvenuti jgħidu wkoll illi qatt ma rċevew *statements* mill-bank attur li juru mhux biss il-ħlasijiet ta' kull xahar iżda wkoll illi l-għoxrin elf lira (Lm20,000) illi huma jgħidu illi tħallsu bejn Ġunju u Lulju ta' l-1994 ma daħlux fil-kont, u illi l-bilanċ għalhekk f'Lulju ta' l-1994 ma kienx xi ħamest elef lira (Lm5,000), kif igħidu huma, iżda erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u sittin lira u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm24,860.38)[6].

---

5 *Fol.* 83.

6 *Fol.* 76.

"Kien ġara wkoll illi fil-11 ta' Settembru 1995 il-bank attur kien kiteb lis-soċjetà konvenuta[7] biex igħidilha illi "*We are pleased to advise that the Bank has renewed the ġloanħ facility*" u illi l-bilanċ passiv dakinhar kien ta' wieħed u għoxrin elf, ħames mija u ħamsa u disgħin lira (Lm21,595). L-ittra tgħid ukoll illi l-bank kellu favur tiegħu "*personal guarantee … … … of Mr Antoine Vassallo for Lm32,000 supported by a first general hypothec and a first special hypothec*", għalkemm l-ipoteka kienet tħassret bil-kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt.

"Il-konvenuti igħidu li wieġbu b'ittra tal-20 ta' Settembru 1995[8] li fiha qalu illi:
"We do not see the purpose of this sanction letter; moreover we do not agree with the balance in the loan account as shown in this letter.

"You might not have been informed that due to an eleventh hour problem with the ranking of hypothecs and securities between the banks concerned we had been informed by Lombard head office a couple of days prior to transfer of our facilities to B.o.V to either pay the whole loan balance … … … or else provide additional separate security should we wish to retain the loan."

"Lombard eventually agreed to cancel all hypothecary rights against a cash deposit of Lm20,000 (twenty thousand Lira) in the above mentioned account (copy of deposit slip enclosed) and the balance of *circa* Lm5,000.00 (five thousand Lira) plus interest accrued to be paid by the same monthly installments of Lm450.00. We have paid these installments from September '94, having paid to date Lm5,400.

"We consequently assume that any balance that might still be due in the loan account would only be interest accrued."

---

[7] *Foll.* 41 *et seqq.*

[8] *Fol.* 45.

“Għalkemm ipproduċew kopja ta’ din l-ittra fl-atti tal-kawża, il-konvenuti ma setgħux illum jipproduċu wkoll kopja tad-*deposit slip* imsemmija fl-ittra għax igħidu illi ntilfet.

“Il-bank attur igħid illi din l-ittra qatt ma waslitlu.

“Jekk tassew il-konvenuti bagħtu din l-ittra, hija tassew ħaġa stramba kif ma ntebħux li kellhom minnufih iwaqqfu l-i*standing order* ta’ erba’ mija u ħamsin lira (Lm450) fix-xahar ladarba kien fadal li jitħallas biss xi mgħax. Kif rajna, kien wara April ta’ l-1999 illi l-ħlasijiet bi *standing order* twaqqfu.

“Fl-20 ta’ Jannar 2000, billi l-ħlasijiet kienu twaqqfu, il-bank kiteb[9] lill-konvenut biex igħidlu illi “*your loan facility … … … is presently in arrears by Lm2,250 in repayments and we would remind you that in a recent meeting you had informed the undersigned and Mr Formosa that you would shortly be depositing proceeds from the sale of some property belonging to your company*” . Fis-16 ta’ Marzu 2000 il-bank reġa’ kiteb[10] lill-konvenut biex igħidlu illi l-arretrati ta’ ħlasijiet telgħu għal tlitt elef, mija u ħamsin lira (Lm3,150). Il-konvenut wieġeb b’ittra tal-31 ta’ Mejju 2000[11]; qal illi kien sar il-konvenju għall-bejgħ tal-proprjetà u qal ukoll illi “*I strongly apologise that this matter has taken so long but kindly bear with me a short while longer and everything will be settled accordingly*”.

“Billi l-konvenuti baqgħu ma ħallsux, saret il-kawża tallum.

“Ladarba ma ċaħdux illi tassew kien sar is-self u qegħdin igħidu illi d-dejn tħallas, huwa fuq il-konvenuti l-oneru li juru illi tassew sar il-ħlas. Ma setgħux juru r-riċevuta, li kienet tkun l-aħjar prova, għax igħidu li ntilfet, iżda jistrieħu fuq erba’ argumenti biex juru illi tassew ħallsu.

9 *Fol*. 62.

10 *Fol*. 106.

11 *Fol*. 63.

"L-ewwel argument huwa mibni fuq il-kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt, li bih l-attur ħassar l-ipoteki li kellu fuq il-beni tal-konvenuti. Il-konvenuti jgħidu illi l-fatt illi l-bank ħassar il-garanziji li kellu huwa sinjal illi d-dejn kien imħallas.

"Il-qorti ma tarax li dan huwa argument deċiżiv.

"Il-ħlas tad-dejn iwassal iwassal *ipso facto* għat-tħassir tal-garanziji, billi *accessorium sequitur principale*, iżda t-tħassir tal-garanziji ma jfissirx bilfors illi d-dejn tħallas. Tassew illi jekk kreditur jirrinunzja għall-garanziji dan ikun x'aktarx għax id-dejn tħallas, iżda mhux bilfors. Fil-fatt, bil-kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt il-bank attur irrinunzja biss għall-garanziji reali u mhux ukoll dawk personali, bħal ma hija l-garanzija mogħtija mill-konvenut *proprio*.

"Barra minn hekk, il-konvenuti stess jaqblu illi d-dejn ma tħallasx għal kollox għax igħidu illi kien fadal xi ħamest elef lira (Lm5,000), u f'kull każ għalhekk l-ipoteki tħassru qabel ma tħallas id-dejn kollu. Tassew illi l-fatt illi l-bank kien lest iħalli bilanċ ta' madwar ħamest elef lira mingħajr garanziji reali ma jfissirx bilfors illi jkun lest ukoll illi jħalli bilanċ ta' ftit anqas minn ħamsa u għoxrin elf lira mingħajr garanziji reali. Dan iżda jiddependi mill-mod kif il-bank iħares lejn il-klijent. Is-soċjetà konvenuta kienet ilha mill-anqas sentejn klijenta tal-bank u l-bank għalhekk kien jaf x'tiswa u safejn seta' joqgħod fuq it-tmexxija tagħha. Jekk lill-bank deherlu illi seta' joqgħod fuq hekk biss, barra l-garanzija personali tal-konvenut, u jekk ra illi sa dakinhar il-ħlasijiet kienu qegħdin isiru regolarment, ma kinitx ħaġa kbira illi ħassar l-ipoteki qabel ma tħallas id-dejn.

"It-tieni argument huwa mibni fuq ix-xhieda ta' Hector Bondin, li qal li silef lill-konvenuti ħmistax-il elf lira (Lm15,000) biex iħallsuhom lill-bank attur.

"Għalkemm il-qorti ma tarax illi ma għandhiex temmen illi Hector Bondin tassew silef dawn il-flus lill-konvenuti, lanqas dan l-argument ma tarah konkluživ. Kif tgħid l-ittra tagħha ta' l-14 ta' Lulju 1994, ukoll wara li bdiet taħdem

ma' banek oħra s-soċjetà konvenuta baqgħet tixtri deheb mingħand il-bank attur "*against direct payment*" Meta l-qorti, fis-seduta ta' l-14 t'Ottubru 2005, staqsiet lill-konvenut Antoine Vassallo kemm kienu jkunu l-ħlasijiet għax-xiri tad-deheb, Vassallo semma ċifri qrib l-għoxrin elf lira u aktar ukoll, u għalhekk ma tistax teskludi illi jekk tassew sar ħlas ta' għoxrin elf lira (Lm20,000) lill-attur f'Lulju ta' l-1994 dan kien għax-xiri tad-deheb.

"It-tielet argument tal-konvenuti hu illi l-kotba tal-bank attur ma tistax toqgħod fuqhom għax l-ittra tal-11 ta' Settembru ta' l-1995 tgħid illi l-bank kellu ipoteka favur tiegħu fuq il-beni tal-konvenuti meta dik l-ipoteka kienet tħassret bil-kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt.

"Tassew illi fl-ittra hemm dak l-iżball, iżda dan ma jfissirx illi l-kontijiet ta' l-attur ma tistax toqgħod fuqhom. Jekk il-funzjonarju tal-bank li kiteb dik l-ittra ra biss il-bilanċ fuq il-kotba u ma rax ukoll il-kuntratt, dan ma jfissirx illi l-kotba huma ħżiena.

"L-aħħar argument imressaq mill-konvenuti huwa illi l-awditur tas-soċjetà konvenuta xehed illi mill-kotba tal-konvenuta jidher illi d-dejn mal-bank attur tħallas kollu.

"Meta xehed fis-seduta ta' l-14 t'Ottubru 2005, iżda, l-awditur stqarr illi wasal għal dik il-konklużjoni mhux għax ra prova tal-ħlas iżda għax ra l-kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt u irraġuna illi, ladarba tħassret l-ipoteka, mela tħallas id-dejn. Ġà rajna, iżda, illi dak l-argument ma huwiex biżżejjed.

"Min-naħa l-oħra, kontra l-verżjoni tal-konvenuti u favur dik tal-bank hemm l-argument illi, ukoll jekk naslu biex nemmnu illi l-konvenuti ma tawx każ il-ħlasijiet bi *standing order* ta' erba' mija u ħamsin lira (Lm450) fix-xahar, meta mbagħad waslitilhom l-ittra tal-bank tal-11 ta' Settembru 1995 u wieġbu bl-ittra tal-20 ta' Settembru 1995, tkun ħaġa tassew stramba illi ma reġgħux ftakru fl-i*standing order*, li ssemma fl-ittra tagħhom stess, u ma ħadux ħsieb iħassruh minnufih, ladarba d-dejn kien tħallas u kien fadal biss xi mgħaxijiet. Stramb ukoll illi ma qagħdux attenti li

jżommu kopja tad-*deposit slip* — li dak iż-żmien kienet għadha f'idejhom, tant li l-ittra tal-20 ta' Settembru 1995 tgħid illi kien hemm kopja mehmuża magħha — meta kienu jafu illi l-bank ma daħħalx dak id-depożitu fl-attiv tal-kont.

"Argument qawwi ieħor huwa illi fl-ittra tal-31 ta' Mejju 2000, li saret bi tweġiba għall-ittra tas-16 ta' Marzu 2000 li biha l-bank attur kien fakkru li kien waqa' lura bi tlitt elef, mija u ħamsin lira (Lm3,150) fi ħlasijiet akkont tad-dejn, il-konvenut la ikkontesta dak li kien qal il-bank, u lanqas qal illi, anzi, kien baqa' jagħmel ħlasijiet żejda sa April ta' l-1999 u għalhekk kellu jieħu u mhux jagħti;  minflok, qal illi "*everything will be settled*".

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ma temminx illi l-konvenuti tassew ħallsu, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda.

"It-tieni eċċezzjoni hija tal-garanti u tgħid illi l-konvenut Antoine Vassallo ma huwiex garanti *in solidum* mas-soċjetà konvenuta għax kien inħeles mir-rabta tal-garanzija bil-kuntratt tal-21 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt.

"Rajna, iżda, illi bis-saħħa ta' dak il-kuntratt tħassru biss il-garanzija reali u mhux ukoll dawk personali.  It-tieni eċċezzjoni wkoll, għalhekk, hija miċħuda.

"Il-konvenut bena wkoll argument fuq l-artt. 1959 u 1960 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ma kienet tressqet ebda eċċezzjoni dwar dan, u l-qorti għalhekk ma hijiex sejra tidħol f'dan l-argument."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogghoba thassar u tirrevoka in parte jew in toto is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'din il-kawza u b'hekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi;

Rat ir-risposta tal-bank attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ic-cahda ta’ l-appell interpost bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti, u li s-sentenza appellata tigi kkonfermata fl-intier taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza huma ben delineati fil-parti preliminari tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u din il-Qorti ma tarax il-htiega li toqghod tirrepeti l-*iter* guridiku li wassal ghal dawn il-proceduri. L-ewwel Qorti, wara li analizzat il-fatti, qieset li s-socjeta` konvenuta, u l-konvenut personali bhala garanti, kienu ghadhom ma ssaldawx id-dejn li kellhom mal-bank attur. Il-konvenuti ma setghux juru ricevuta ghal hlas, pero`, resqu diversi argumenti biex jippruvaw juru illi tassew hallsu. L-ewwel Qorti ezaminat dawn l-argumenti wiehed wiehed, u dehrilha li l-konvenuti ma rnexxielhomx juru dak li kienu allegaw.

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza, bl-aggravju jiccentra fuq analizi tal-fatti li jindikaw, skond huma, li d-dejn gie mhallas u li, f’kull kaz, il-konvenut personalment kellu jigi mehlus mis-solidarjeta`.

Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li l-prova tal-pagament trid issir minn min jallegaha. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “**Cini v. Camilleri**”, deciza fit-28 ta’ Lulju, 1982:
“Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi “la prova del pagamento e` a peso del convenuto che lo allega”, kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolut favut l-attur (Vol. XXXV.iii.604).”

Fit-tieni lok, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet il-Qorti ta' l-ewwel grad, meta tara li dak l-apprezzament mhux ingust fic-cirkostanzi u kompatibbli ma' dak li, fuq bazi ta' probabbilita`, seta' sehh fil-verita`. Fil-fatt, kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Aguis v. Agius**", deciza fit-2 ta' Dicembru, 1994:
"gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi disturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi ikkreata ingustizzja."

Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u taqbel ma' l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Ibda biex, ghamlet sew l-ewwel Qorti li njorat kwalunkwe argument bazat fuq difiza li ma gietx sollevata formalment bhala eccezzjoni. Il-fatt li l-konvenuti irriservaw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet id-dritt li jaghtu eccezzjonijiet ohra ma jfissirx li huma jistghu, fi kwalunkwe stadju anke fin-nota ta' l-osservazzjonijiet, iqajmu argumenti mhux sorretti b'eccezzjoni. Id-difiza f'kawza ghandha tigi ppreparata sew u bir-reqqa mal-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet, u mhux issir a bazi ta' ideat li jfaqqsu minn zmien ghall-iehor fil-kors tal-kawza.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "**Zahra v. Pace**" deciza fit-3 ta' Marzu, 2006:
"L-argumenti u r-ragunamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligawx lill-Qorti li tqishom bhala tali ghaliex dan ikun jammonta ghal strap procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju ghall-kontro-parti."

Il-konvenuti ressqu erba' argumenti biex isostnu li d-dejn kien gie imhallas, argumenti li kollha gew trattati u skartati mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ezaminat dawn l-istess argumenti fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-konvenuti mressqa fir-rikors ta' l-appell taghhom, pero`, tara li ma

gie mqanqal xejn gdid li ma giex trattata diga`, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, mill-ewwel Qorti. Hekk din il-Qorti kuntrarjament ghal dak li ssottomettew l-appellanti, tara li, fil-fatt, iregi l-argument ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi "*il-hlas tad-dejn iwassal ipso facto ghat-thassir tal-garanziji, billi accessorium sequitur principale, izda t-thassir tal-garanziji ma jfissirx bilfors illi d-dejn thallas*". Sakemm ma tkunx tirrizulta prova cara li jkun sar pagament, jew li l-kreditur, mat-thassir tal-garanzija, ikun qed juri intenzjoni li joqtol ukoll id-dejn, ma tistax issir asserzjoni li t-thassir tal-garanziji jfisser li d-dejn kien gie mhallas. F'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-bank attur qatt irrikonoxxa jew qies li d-dejn huwa mhallas, u ghalkemm mhix prattika normali li bank jikkancella garanzija qabel ma d-dejn jigi mhallas, mhux eskluz li bank, biex jassisti klijent jakkwista facilita` bankarja minghand bank iehor, jirrinunzja ghal garanziji reali u jaccetta biss dik personali, specjalment meta b'rizultat tal-facilita` bankarja l-ohra, l-ewwel bank ikun se jircievi hlas sostanzjali mill-ammont dovut. La darba ma jirrizultax mod iehor, il-kancellament ta' l-ipoteka ma tistax tfisser la li d-dejn kien gie mhallas u lanqas li l-garanti personali gie rilaxxat mill-garanzija.

Il-fatt ukoll li jirrizulta li l-konvenut issellef Lm15,000 minghand terza persuna, ma jwassalx necessarjament ghar-rizultat li dawn il-flus intuzaw biex jigi saldat id-dejn mal-bank attur. Il-konvenuti ma urewx ricevuta ghal dan l-allegat hlas, jew kopja tad-*deposit slip* relattiv, u mehud in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi tan-negozju tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti zbaljat meta qieset li dawn il-flus setghu intuzaw ghan-negozju u mhux biex jithallas id-dejn mal-bank attur. Hi x'inhi, il-konvenuti ma urewx b'mod car u konkludenti li dawn il-flus intuzaw ghall-iskop allegat, u kif intqal, kwalunkwe dubju ghandu jigi rizolut favur il-kreditur.

Il-konvenuti jaghmlu enfasi fuq il-fatt li l-awditur tas-socjeta` konvenuta xehed li mill-kotba tal-kumpanija kien jidher li d-dejn kien thallas kollu. Hu veru li l-awditur xehed li meta ra l-*accounts* tal-kumpanija hu baghat *letter of confirmation* lill-bank attur u ma kellux risposta, pero`, mis-silenzju tal-bank f'dan il-kuntest ma jistax jigi dezunt li

huma qablu li d-dejn kien gie mhallas kollu. Hu principju legali li persuna ma tistax tipprezumi kunsens min-nuqqas ta’ affermazzjoni imposta fuq persuna ohra; fil-kawza Ingliza “**Atari v. Electronics Boutique**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-1998, gie ribadit dan il-principju fis-sens li “it is a basic rule of contractual formation that an offeror may not impose silence as a deemed mode of acceptance and consequently a contractual offer does not have to be rejected, ie, an offeree should not be put at risk by the offeror’s unilateral imposition of silence as acceptance”.

Fuq kollox, kif osservat l-ewwel Qorti, l-awditur ammetta li hu ma ra ebda prova tal-hlas, izda irraguna li la darba l-bank accetta li jikkancella l-garanzija reali li kienu jikkawtelaw id-dejn, allura veru thallas id-dejn. Kif intwera, pero`, dan l-argument ma jsegwix u mhux, wahdu, prova ta’ hlas.

Il-konvenuti jindikaw ukoll certi zbalji da parti tal-bank bhal meta b’ittra tal-11 ta’ Settembru, 1995, kien kiteb li kien igawdi ipoteka fuq il-beni tal-konvenuti, meta din l-ipoteka kienet thassret bil-kuntratt tal-21 ta’ Lulju, 1994; pero` dawn l-izbalji ma humiex tali li jinnewtralizzaw dak li johrog mill-kontijiet tal-konvenuti mal-bank attur u li juru bilanc notevoli favur il-bank. Dawn il-*bank statements* jinsabu esebiti fl-atti u ma gewx attakkati mill-konvenuti. Il-konvenuti jghidu li “mhux eskluz li dawn l-istatements mhux korretti”, pero`, m’ghandhomx jippretendu li l-Qorti taghmel xogholhom u tezamina l-kontijiet bi skrutinju u minuzjuz, linja b’linja, meta huma stess ma resqu ebda lment dwar id-dettalji ta’ dawn il-kontijiet! Il-Qorti ezaminat dawn il-kontijiet u la darba l-attenzjoni taghha ma gietx migbuda ghal xi nuqqas partikolari, ma tarax li ma tistax toqghod fuqhom. Il-process quddiem qrati civili, tajjeb li jitfakkar, huwa wiehed “adversarial” mhux “inquisitorial”.

Din il-Qorti, bhal ta’ qabilha, tara li kemm indizji ohra li jindikaw li d-dejn mal-bank attur ghadu veljanti, in partikolari, l-ittra tal-konvenut datata 31 ta’ Mejju, 2000, li baghat lill-bank attur b’risposta ghall-ittra li rcieva mill-bank biex ifakkru li kien waqa’ lura fil-hlasijiet akkont tad-

dejn; il konvenut ma nnegax li ghad fadal x'jithallas u qal minflok li "everything will be settled".

Din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ghamlet analizi sostanzjalment gusta tal-provi mressqa quddiema, u taqbel mal-konkluzjoni minnha milhuqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------